

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Ġunju 2009

dwar il-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv li jirriżulta mit-tieni fażi tad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari A-1 ta' Bohunice, li jinsab fir-Repubblika Slovakka, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom

(It-test bis-Slovakk biss huwa awtentiku)

(2009/C 131/01)

Fis-17 ta' Settembru 2008, fkonformità mal-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet, mingħand il-Gvern Slovakk, Dejta Ġenerali dwar il-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv li jirriżulta mit-tieni fażi tad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari A-1 ta' Bohunice.

Abbażi ta' din id-dejta, ta' aktar tagħrif mitlub mill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2008 u fit-28 ta' Novembru 2008, u ta' tagħrif li pprovda l-Gvern Slovakk fl-4 ta' Diċembru 2008 u fil-25 ta' Frar 2009, u wara li kkonsultat il-Grupp tal-Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanza bejn l-impjant u l-eqreb punt fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, f'dan il-każ ir-Repubblika Ċeka, hija ta' madwar 38 km.. Il-fruntieri mal-Awstrija u l-Ungeria qegħdin f'distanzi ta' 55 km. u 62 km. rispettivament.
2. Fil-kundizzjonijiet normali tal-operat, it-tnixxijiet ta' effluwenti likwid u fil-forma ta' gass mhux se joħolqu esponiment li jista' jaffettwa s-sahħha tal-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor.
3. L-iskart radjuattiv solidu ta' livell baxx u intermedju se jinħażen b'mod temporanju fuq il-post qabel ma jiġi ttrasferit lejn faċilità tar-rimi awtorizzata mill-Gvern Slovakk. L-iskart radjuattiv ta' livell għoli se jinħażen fuq il-post sakemm ikun disponibbli mahżeen nazzjonali.
4. L-iskart solidu u l-materjali residwi mhux radjuattivi li huma konformi mal-livelli awtorizzati se jinħelsu mill-kontroll regolatorju biex jintremew bħala skart konvenzjonali jew biex jintużaw mill-ġdid jew jiġu rriċiklati.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-awtoritajiet Slovaki li jirrevedu l-livelli tal-attività għar-rilaxx tat-tali materjali fl-ambjent fid-dawl tal-linji ta' gwida tal-Komunità, sabiex ikun żgurat li jkun hemm konformità mal-kriterji għall-eżenzjoni mniżżlin fid-Direttiva 96/29/Euratom.

5. Fkaż li jkun hemm rilaxx mhux ippjanat tal-effluwenti radjuattivi li jirriżulta minn inċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrat fid-Dejta Ġenerali, id-dożi li jilħqu Stat Membru ieħor huma preżunti li ma jaffettwawx is-sahħha tal-popolazzjoni.

Bħala konklużjoni, l-Kummissjoni hija tal-fehma li, kemm fl-operat normali kif ukoll fkaż ta' inċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrat fid-Dejta Ġenerali, l-implementazzjoni tal-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mit-tieni fażi tad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari A-1 ta' Bohunice, li jinsab fir-Repubblika Slovakka, mhijiex preżunta li tirriżulta fit-tniġġis radjuattiv tal-ilma, tal-ħamrija u tal-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor.